MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 733/2007

**Maltacom p.l.c. C22334 u b'digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Dicembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie sostitwit bl-isem "GO p.l.c."**

**Vs**

**Melit Limited C5044**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,328.63c) rapprezentanti servizzi telefonici bin-numri 21437314, 21437395 u 21437396.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,328.63c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------